MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 1164/2010

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Salem u Doreen mizzewgin Benhalim**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici tal-10 ta' Novembru 2010 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 3 ta' Frar 2004, in atti Nutar Dottor Isabelle Gonzi (Dok. A) is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Salem u Doreen mizzewgin Benhalim;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Salem u Doreen mizzewgin Benhalim fis-somma ta' tnejn u sittin elf, mija u hamsa u erbghin ewro u tnax-il centezmu (€62,145.12) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts"* ta' Salem u Doreen mizzewgin Benhalim mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. B1

sa B4 u Dok. C1 sa C4) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-4 ta’ Settembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezebiti bhala Dokumenti A), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Salem u Doreen mizzewgin Benhalim
(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Salem u Doreen mizzewgin Benhalim li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici;

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenuti Salem u Doreen mizzewgin Benhalim gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 19 ta’ Awwissu 2009, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. D, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil- kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezebit bhala Dokumenti A) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Salem u Doreen mizzewgin Benhalim
(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Salem u Doreen mizzewgin Benhalim li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici; u

2. Tikkundanna lil Salem u Doreen mizzewgin Benhalim ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tnejn u sittin elf, mija u hamsa u erbghin ewro u tnax-il centezmu (€62,145.12) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts"* ta' Salem u Doreen mizzewgin Benhalim mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. B1 sa B4 u Dok. C1 sa C4) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-4 ta' Settembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 19 ta' Awwissu 2009 kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta' rikorrenti;

Rat li l-konvenuti debitament notifikati baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' Rose Cortis, rapprezentanta tas-socjeta' attrici li kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont mitlub fir-rikors guramentat ghadu kollu dovut sallum;

Il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-bank attur u tikkundanna lil konvenuti jhallsu lil-bank attur l-ammont ta' tnejn u sittin elf, mija u hamsa u erbghin ewro u tnax-il centezmu (€62,145.12), bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------